MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 943/2009

Mark McBride
vs

MK Leisure Limited u b'digriet ta' l-10 ta' Dicembru 2009 giet kjamata in kawza ECB Hotel & Catering Equipment Limited u b'digriet tat-3 ta' Frar 2010 giet kjamata fil-kawza Mareno Ali S.p.A.

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrent li bih espona:

Illi l-esponent jahdem bhala *chef patissiere* mas-socjeta` intimata gewwa l-istabbiliment Montekristo Estate, Hal-Farrug;

Illi xogholu jikkonsisti kemm fil-preparazzjoni u prezentazzjoni ta' l-ikel, kif ukoll fit-tindif ta' l-apparat li huwa juza ghal dan l-iskop;

Illi fit-28 ta' Dicembru 2007, waqt li kien qiegħed jnaddaf *cooker* tal-marka “Mareno” fil-kcina tas-socjeta` intimata fl-istabbiliment imsemmi, ir-rikorrent laqat xifer ta' dan il-*cooker* b'idu b'mod illi tajjar subajh iz-zghir ta' idu leminija;

Illi b'rizultat ta' l-incident msemmi, ir-rikorrent sofra danni konsistenti f'lezjonijiet personali ta' natura gravi u permanenti, kif jirrizulta mic-certifikati medici annessi mar-rikors guramentat, u kif ser jigi pruvat f'aktar dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi sa llum, minkejja li ghaddew kwazi sentejn mill-incident, u *nonostante* medikazzjoni u trattamenti, ir-rikorrent ghadu jbati minn ugigh, tnemnim u telf ta' sahha f'subajh, konsegwenzi kwindi *di natura* permanenti. Di piu` *trattandosi* ta' *chef* li jkollu jahdem ta' kuljum b'idejh, din il-lezjoni hija wahda gravi;

Illi l-incident ilmentat sehh waqt li r-rikorrent kien qieghed jaqdi dmirijietu fuq il-post tax-xoghol, u sehh unikament tort tas-socjeta` intimata li naqqset li tiehu l-prekawzjonijiet mehtiega biex tassikura li l-post tax-xoghol li fih kellu jahdem ir-rikorrent, kien wiehed tassew zgur u minghajr perikolu;

Illi ghalhekk ir-rikorrent hass li ghandu jigi debitament kkumpensat ghad-danni li sofra, u li ghadu qed isofri kagun ta' dan l-incident, inkluz izda mhux biss, ghall-ispejjez li nkorra f'visti, medikazzjoni u trattamenti;

Illi r-rikorrent sejjah lis-socjeta` intimata diversi drabi sabiex taddivjeni ghal-likwidazzjoni u l-eventwali hlas ta' dawn id-danni, izda dina baqghet inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Ir-rikorrent talab lill-Qorti:

1. tiddikjara lis-socjeta` intimata unikament responsabbli ghall-incident li sehh fit-28 ta' Dicembru 2007 gewwa l-kcina ta' Montekristo Estates, Hal-Farrug, u li fih ir-rikorrent wegga' subajh z-zghir ta' idu leminija;

2. tiddikjara illi b'rizultat li ta' dan l-incident ir-rikorrent sofra danni konsistenti f'debilita` permanenti, u dan okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrent kagun ta' l-imsemmi incident, u dan anke permezz ta' periti nominandi ghal dan l-iskop kemm-il darba jkun il-kaz; u

4. tikkundanna lis-socjeta` intimata sabiex thallas lir-rikorrent dawk id-danni hekk likwidat;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali, inkluzi dawk ta' l-ittri bonarji datati 25 ta' Marzu 2008, 23 ta' Ottubru 2008, 16 ta' Novembru 2008, 5 ta' Marzu 2009, 25 ta' Marzu 2009, 4 ta' Mejju 2009 u 8 ta' Lulju 2009, kif ukoll tal-ittra ufficjali datata 15 ta' Mejju 2009, kontra s-socjeta` intimata li giet ingunta in subizzjoni.

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti ezebiti mir-rikorrent.

**B1. RISPOSTA TA' MK LEISURE LIMITED:**

Rat ir-risposta tas-socjeta` konvenuta MK Leisure Limited li biha esponiet:

1. Illi fl-ewwel lok gei sottomess illi l-apparat in kwistjoni u cioe' l-apparat li bih ir-rikorrent allegatament sofra debilita` permanenti gie supplit lis-socjeta` intimata mis-Socjeta' ECB Hotel & Catering Equipment Limited, liema apparat irrizulta li ma kienx '*finished*' skond is-sengha u l-arti u ghalhekk kien proprju minhabba tort, negligenza u traskuragni da parti ta' l-istess ECB Hotel & Catering Equipment Limited li sehh l-incident imsemmi. Fil-fatt is-socjeta` intimata interpellat hi stess diversi drabi lis-Socjeta' ECB Hotel & Catering Equipment Limited, anki permezz ta' ittra ufficjali (Dok MK 1), sabiex terfa' r-responsabbilta' ta' l-incident *de quo* izda din baqghet inadempjenti. In vista ta' dan is-socjeta` intimata ghamlet talba formali lil din il-Qorti sabiex tigi kjamata fil-kawza s-socjeta` ECB Hotel & Catering Equipment ta' 40, Triq ix-Xatt, Pieta` MSD 08;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici kif dedotti fil-konfront tas-socjeta` intimata huma lkoll infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li s-socjeta1 intimata bl-ebda mod ma kienet responsabbli ghall-incident in kwistjoni u dan kif ser jigi ippruvat fil-mori ta' din il-kawza;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` intimata dejjem agixxiet ta' *bonus pater familias* u hadet il-prekawzjonijiet kollha neccessarji u realistikament possibbli ghas-sigurta` tal-haddiema taghha u ghaldaqstant ma tistax tinstab responsabbli ghall-incident *de quo*;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument prezentati mis-socjeta` MK Leisure Limited.

Rat illi fl-10 ta' Dicembru, 2009 il-Qorti awtorizzat il-kjamata in kawza ta' E.C.B. Hotel & Catering Equipment Limited fuq talba tas-socjeta` intimata.

**B2. RISPOSTA TA' E.C.B. HOTEL & CATERING LIMITED:**

Rat ir-risposta tas-socjeta` E.C.B. Hotel & Catering Equipment Limited, li biha esponiet:

1. Illi fl-ewwel lok, is-socjeta` intimata m'hijiex il-legittimu kuntradittur u ghaldaqstant ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u ghandha tigi kjamata fil-kawza s-socjeta` Mareno Ali S.p.A. ta' 15, Via Schiaparelli, 31029 Vittorio Veneto (TV) fl-Italja, li immanufatturat u bieghet l-imsemmi '*open base cupboard*' lis-socjeta` E.C.B. Hotel & Catering Limited li xtrat l-'*open base cupboard*' minn ghandha ghall-bejgh f'Malta u ghalhekk kwalsiasi responsabilita` ahharija hija tas-socjeta` barranija;

2. Illi fil-mertu, it-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li s-socjeta` intimata ma kellha ebda

responsabilita` ghall-incident mertu tal-kawza u ghalhekk ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn il-kontendenti;

3. Illi l-oggett huwa provenjenti mill-Unjoni Ewropea bic-certifikati kollha necessarji tal-'*Health & Safety*' mahrugin mill-awtoritajiet kompetenti Ewropej u rigward l-*istandards* kollha rikjesti mil-Ligi Ewropea qabel ma gie mibjugh u mibghut u esportat, gie certifikat li lahaq l-*istandards* rikjesti skond il-Ligi;

4. Illi dan tant huwa minnu li skond il-Ligi jekk l-oggett ma jkunx provenjenti mill-Unjoni Ewropea u m'ghandux ic-certifikat "CE", dan ma jistax jigi mibjugh u/jew esportat lil pajjiz iehor fl-Unjoni Ewropea;

5. Illi gjaladarba dan gie importat f'Malta, wiehed ghandu jassumi li l-oggett in kwistjoni lahaq dawn l-*istandards* mistennija mill-Unjoni Ewropea u dak allegat mir-rikorrenti ma jista' qatt ikun minnu ghax huwa kontrasens illi wiehed ghandu jassumi li l-incident gara b'nuqqas ta' xi *standard* rikjest skond il-Ligi izda minhabba tort ta' l-istess rikorrent;

6. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u fi kwalunkwe kaz u bhala danni, is-socjeta` intimata qeghdha tikkontesta d-danni reklamati mir-rikorrent;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mis-socjeta` E.C.B. Hotel & Catering Equipment Limited.

Rat illi fit-3 ta' Frar, 2010 il-Qorti awtorizzat il-kjamata in kawza ta' Mareno Ali S.p.A fuq talba ta' E.C.B. Hotel & Catering Limited.

**B3. RISPOSTA TA' MARENO ALI S.P.A.:**

Rat ir-risposta tas-socjeta` Mareno Ali S.p.A. li biha esponiet:

1. Illi preliminarjament gie eccepit illi l-isem "Mareno Ali S.p.A." ma jezistix, u kwindi hemm lok ghall-korrezzjoni fl-isem tas-socjeta` kjamata in kawza u ghaldaqstant, u

sakemm issir tali korrezzjoni, il-kjamata in kawza Mareno Ali S.p.A. ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-partijiet l-ohra f'din il-kawza, jew min minnhom;

2. Illi wkoll in linea preliminari t-talbiet tar-rikorrent McBride huma preskritti fil-konfront tas-socjeta` Mareno Ali S.p.A., *ai termini* ta' l-Art. 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta` Mareno Ali S.p.A. iddikjarat li m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrent McBride, *stante* li hi qatt ma nnegozzjat jew ittrattat mieghu b'xi mod, imma, *se mai* ma' terzi persuni, u kwindi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda fil-konfront ta' Mareno Ali S.p.A.;

4. Illi subordinatament ghat-tieni eccezzjoni, u minghajr pregudizzju ghall-istess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrent McBride, u dana *stante* li l-incident in kwistjoni ma sehhx b'xi tort tas-socjeta` Mareno Ali S.p.A. izda tort tar-rikorrent stess minhabba negligenza u traskuragni da parti tieghu; u tort tas-socjeta` konvenuta MK Leisure Limited li naqset milli tipprovdi "*a safe workplace*" ghall-impjegat taghha; u dana kif ser jigi ippruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kaz;

5. Illi jsegwi ghalhekk illi ma hemm l-ebda danni x'jigu llikwidati a favur ir-rikorrent McBride, li fi kwalunkwe kaz ghandu jressaq kull prova valida skond il-Ligi sabiex jipprova t-telf tieghu, kemm *lucrum cessans* kif ukoll *damnum emergens*;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-kaz;

Rat il-lista tax-xhieda prezentati mis-socjeta` Mareno Ali S.p.A.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat illi fit-2 ta' Novembru, 2010 Dr. Galea Testaferrata ghar-rikorrenti Mark McBride u Dr. Vella Cuschieri ghal MK Leisure Limited iddikjaraw li huma qatt ma hadu azzjoni kontra Mareno Ali S.p.A.

Rat li fl-14 ta' Jannar, 2011 l-imsemmija socjeta` Mareno Ali S.p.A. talbet li tinghata sentenza fuq it-tieni eccezzjoni tal-preskrizzjoni peress li s-socjeta` E.C.B. Hotel & Catering Equipment Limited ma ressqet ebda provi dwar dan l-aspett.

Rat in-nota tas-socjeta` E.C.B. Hotel Equipment & Catering Limited tat-23 ta' Awissu, 2011 a fol 105 li permezz taghha iddikjarat li fir-rigward tat-tieni eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni tas-socjeta` estera Mareno Ali S.p.A. kjamata in kawza, hi tirrimetti ruhha ghall-provi u sottomissjonijiet gja mressqa.

Rat in-nota ta' sottomissjonijet tas-socjeta` Mareno Ali S.p.A.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Din hija decizjoni limitata biss ghall-eccezzjoni tas-socjeta` Mareno Ali S.p.A. li t-talbiet tar-rikorrent McBride huma preskritti fil-konfront taghha *ai termini* ta' l-Art 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta - u cioe` l-preskrizzjoni ta' sentejn.

Irrizulta li fit-28 ta' Dicembru, 2007 ir-rikorrent wegga' waqt incident fuq il-post tax-xoghol tieghu, Montekristo Estate f'Hal-Farrug, immexxi mis-socjeta` intimata MK Leisure Limited. Fil-25 ta' Marzu, 2008 sat-8 ta' Lulju, 2009 hemm numru ta' ittri legali mibghuta da parti tar-rikorrent lis-socjeta` intimata MK Liesure Limited. Fil-15 ta' Mejju, 2009 intbaghtet ittra ufficjali mir-rikorrent lil MK

Leisure Limited li giet debitament notifikata. Ir-rikors guramentat gie prezentat fit-30 ta' Settembru, 2009 u fl-10 ta' Dicembru, 2009 giet kjamata in kawza E.C.B. Hotel & Catering Equipment Limited. Kien fit-3 ta' Frar, 2010 li s-socjeta` Mareno Ali S.p.A. inghata d-digriet fil-konfront taghha ghall-kjamata in kawza.

It-talbiet tar-rikorrenti huma dikjarazzjoni ghal responsabbilta` ghall-incident li fih ir-rikorrent wegga' sebghu z-zghir ta' idu l-leminija b'talba ghal dikjarazzjoni ta' danni sofferti minnu fuq debilita` permanenti bil-konsegwenti likwidazzjoni ta' danni, *damnum emergens* u *lucrum cessans*, u kif ukoll kundanna ghall-hlas tad-danni relattivi. Ghalhekk din hija kawza *culpa aquiliana* li ghaliha tapplika l-preskrizzjoni taht il-Kap 16 artikolu 2153 ghax ma hemmx la konnotati kriminali u anqas kontrattwali relattivi ghall-kaz.

L-artikolu 2128 tal-Kap 16 jghid hekk:
"Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll b' kull att gudizzjarju pprezentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lill-parti li kontra taghha wiehed irid li ma jhallix timxi l-preskrizzjoni, u li minnu jkun jidher bic-car li s-sid jew il-kreditur bi hsiebhom izommu l-jedd taghhom."

Irrizulta li l-ewwel darba li gie prezentat att gudizzjarju kontra s-socjeta` Mareno Ali S.p.A. kien fit-3 ta' Frar, 2010 meta dina l-Qorti, fuq talba tas-socjeta` kjamata in kawza ECB Hotel & Catering Equipment Limited, iddekretat illi s-socjeta` Mareno Ali S.p.A. ghandha wkoll tigi ammessa bhala parti mill-kawza odjerna bhala kjamata in kawza.

Minn dan jirrizulta car li kienu ghaddew is-sentejn mid-data ta' l-incident u cioe` t-28 ta' Novembru, 2007 sat-3 ta' Frar, 2010, u cioe` wara l-eghluq tal-perjodu preskrittiv. Qabel id-data ta' dana d-digriet qatt ma kien hemm xi interpellanza, la bonarjament, u wisq anqas permezz ta' xi att gudizzjarju da parti tar-rikorrent (ara l-verbali hawn fuq).

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-tieni eccezzjoni tas-socjeta` kjamata in kawza Mareno Ali S.p.A. bazata fuq il-preskrizzjoni u ghalhekk tiddikkjara li l-azzjoni attrici hija preskritta fil-konfront tas-socjeta` Mareno Ali S.p.A. u tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju.

Spejjez kontra s-socjeta` E.C.B. Hotel & Catering Limited.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------